MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2004

Ċitazzjoni Numru. 18/2004

Il-Gugarell Limited
vs
Raymond u Joyce konjugi Micallef

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ppremettiet:

Peress illi permezz ta' sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet Il-Gugarell Limited vs Raymond u Joyce konjugi Micallef Citazzjoni numru 1808/98 AJM, is-socjeta` attrici giet kanonizzata kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta' hmistax-il elf sitt mija u tmienja u tmenin Lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm15,688.84) kwantu ghal hdax-il elf disa' mija u wiehed u ghoxrin Lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm11,921.48) sorte; tlett elef u ghoxrin Lira Maltin u hdax-il centezmu (Lm3,020,11) imghax oltre imghaxijiet ulterjuri sal-pagament effettiv; u seba' mija u

sebgha u erbghin Lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm747.25) spejjez;

Peress illi dan il-kreditu baqa’ ma thallasx u l-konvenuti baqghu inadempjenti;

Peress illi s-socjeta` attrici wara istitwixxiet proceduri ta’ subbasta immobbli (Subbasta Immobbli Nru 18/02) fejn talbet il-bejgh bl-irkant tal-fond Numru 3, Elodia Flats, Triq Guze Bajada, Hamrun; dan il-fond gie liberat favur is-socjeta` attrici. Is-subbasta saret fit-30 ta’ Jannar 2003 u l-liberazzjoni saret ghal prezz ta’ Lm5000; (Dok A)

Peress illi s-socjeta` attrici hi ghalhekk proprjeta` tal-fond Numru 3, Elodia Flats, Triq Guze Bajada, Hamrun u dan kif irrizulta mid-dokumenti prezentati mac-citazzjoni.

Peress illi l-konvenuti qeghdin jiddetjenu u jokkupaw il-fond in kwistjoni minghajr titolu validu fil-ligi u b’hekk qeghdin jimpedixxu lis-socjeta` attrici milli tiehu pussess tal-fond de quo skond il-ligi.

Peress illi l-valur lokatizju tal-fond jeccedi l-hamest elef lira Maltin.

Peress illi l-konvenuti qeghdin jokkupaw illegalment il-fond in kwistjoni u b’dan l-agir qeghdin jikkawzaw danni lis-socjeta` attrici minhabba din l-okkupazzjoni.

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti:

1. Prevja kull dikjarazzjoni li tkun necessarja tiddikjara l-konvenuti qeghdin jokkupaw il-fond Numru 3, Elodia Flats, Triq Guze Bajada, Hamrun minghajr titolu validu fil-ligi.

2. Tikkundanna u tordna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju fissat mill-Qorti jizgumbraw mill-fond Numru 3, Elodia Flats, Triq Guze Bajada, Hamrun u jghaddu l-pussess battal ta’ l-istess fond lis-socjeta` attrici.

3. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli solidalment bejniethom ta’ danni li huma kkawzaw u ghadhom jikkawzaw lis-socjeta` attrici minhabba l-okkupazzjoni illegali taghhom tal-fond Numru 3, Elodia Flats, Triq Guze Bajada, Hamrun.

4. Tillikwida dawn id-danni anke b’rata per diem, jekk hemm bzonn permezz ta’ periti nominandi.

5. Tordna u tikkundanna lill-konvenuti in solidum sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici d-danni hekk likwidati sad-data tal-effettiv rilaxx jew zgumbrament.

Bl-ispejjez u l-imghax legali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhud bil-gurament.

Semaghet l-abili difensur.

Ikkunsidrat

**PROVI:**
Illi xehed bil-gurament Martin Aquilina li hu direttur tal-kumpanija attrici li kkonferma li l-pozizzjoni minn meta giet intavolata l-kawza sal-lum baqghet l-istess.

**KONKLUZJONIJIET:**
Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci.

Semghet l-avukat tas-socjeta` attrici.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati.

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet tas-socjeta` attrici u tiddikjara li l-konvenuti qeghdin jokkupaw il-fond Numru 3, Elodia Flats, Triq Guze Bajada,

Hamrun minghajr titolu validu fil-ligi, tordna lill-konvenuti sabiex fi zmien erba' xhur jizgumbraw mill-fond Numru 3, Elodia Flats, Triq Guze Bajada, Hamrun u jghaddu l-pussess battal ta' l-istess fond lis-socjeta` attrici, tiddikjara lill-konvenuti responsabbli solidalment bejniethom ta' danni li huma kkawzaw u ghadhom jikkawzaw lis-socjeta` attrici minhabba l-okkupazzjoni illegali taghhom tal-fond Numru 3, Elodia Flats, Triq Guze Bajada, Hamrun, fl-ammont ta' lira kulljum mit-30 ta' Jannar 2003 sal-lum fl-ammont ta' Lm427, tikkundanna lill-konvenuti in solidum sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici d-danni hekk likwidati ta' Lm427.

Bl-ispejjez u l-imghax legali kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------